

# Kawża C-518/07

**Il-Kummissjoni Ewropea**

**vs**

**Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja**

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 95/46/KE — Protezzjoni ta’ persuni fiziċċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali u fir-rigward tal-moviment liberu ta’ din id-data — Artikolu 28(1) — Awtoritajiet nazzjonali ta’ superviżjoni — Indipendenza — Superviżjoni amministrattiva eżerċitata fuq dawn l-awtoritajiet”

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali J. Mazák, ippreżentati fit-12 ta’ Novembru 2009 . . . . .	I - 1888
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tad-9 ta’ Marzu 2010 . . . . .	I - 1897

## Sommarju tas-sentenza

1. *Approssimazzjoni tal-liġijiet — Protezzjoni ta’ persuni fiziċċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali — Direttiva 95/46 — Awtoritajiet nazzjonali ta’ superviżjoni (Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46, Artikolu 28(1))*

2. *Approssimazzjoni tal-liġijiet — Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali — Direttiva 95/46 — Awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni (Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46, Artikolu 28(1))*

1. Il-garanzija ta' indipendenza tal-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 95/46, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, hija intiża sabiex tiżgura l-effiċjenza u l-affidabbiltà tas-superviżjoni tal-osservanza tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data ta' natura personali u għandha tiġi interpretata fid-dawl ta' dan l-għan. Hija ġiet stabbilita mhux sabiex tagħti status partikolari lil dawn l-awtoritajiet innifishom kif ukoll lill-aġenti tagħhom, iżda sabiex issaħħaħ il-protezzjoni tal-persuni u tal-korpi li huma kkonċernati mid-deċiżjonijiet tagħhom. B'hekk, meta jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom, l-awtoritajiet ta' superviżjoni għandhom jaġixxu b'mod oġġettiv u imparzjali. F'dan ir-rigward, huma għandhom ikunu protetti minn kull influwenza esterna inkluża dik, diretta jew indiretta, tal-Istat jew tal-Länder, u mhux biss mill-influwenza tal-korpi li jaqgħu taħt superviżjoni.

fis-settur mhux pubbliku għandhom igawdu minn indipendenza li tippermettilhom li jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom mingħajr influwenza esterna. Din l-indipendenza teskludi mhux biss kull influwenza eżerċitata mill-korpi li jaqgħu taħt superviżjoni, iżda wkoll minn kull pressjoni jew influwenza esterna, sew jekk diretta jew indiretta, li jistgħu kontra l-korpi, minn dawn l-awtoritajiet, tal-kompli tagħhom li jikkonsisti f'li jiġi stabbiliti ekwilibru ġust bejn il-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja privata u l-moviment liberu tad-data ta' natura personali.

(ara l-punti 25, 30)

2. Is-sempliċi riskju li l-awtoritajiet ta' superviżjoni jistgħu jeżerċitaw influwenza politika fuq id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet ta' superviżjoni kompetenti għas-superviżjoni tal-ipproċessar tad-data ta' natura personali skont l-Artikolu 28(1), tad-Direttiva 95/46, dwar il-protezzjoni ta' individwi

Għalhekk, l-awtoritajiet ta' superviżjoni kompetenti għas-sorveljanza tal-ipproċessar tad-data ta' natura personali

fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, huwa bizzżejjed sabiex jiġi ostakolat l-eżerċizzju indipendenti tad-dmirijiet tagħhom. Minn naħa, jista' jkun hemm "ubbidjenza mistennija" ta' dawn l-awtoritajiet fid-dawl tal-prassi deċiżjonali tal-awtorità ta' superviżjoni. Min-naħa l-oħra, ir-rwol tal-gwardjani tad-dritt għall-ħajja privata li jassumu dawn l-awtoritajiet ta' superviżjoni jeżiġi li d-deċiżjonijiet tagħhom, u għaldaqstant huma stess, ikunu 'il fuq minn kull suspett ta' parzjalitā. Is-superviżjoni tal-Istat eżerċitata fuq l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni kompetenti għas-sorveljanza tal-ipproċessar tad-data ta' natura personali fis-settur mhux pubbliku għaldaqstant ma hijex kompatibbli mar-rekwiżit ta' indipendenza.

Stat Membru li jissuġġetta l-awtoritajiet ta' superviżjoni kompetenti għas-sorveljanza

tal-ipproċessar tad-data ta' natura personali mill-korpi mhux pubbliċi u l-impriżi rregolati mid-dritt pubbliku li jikkompetu fis-suq fid-diversi Länder għas-superviżjoni tal-Istat billi b'hekk jittrasponi b'mod żabaljat ir-rekwiżit li dawn l-awtoritajiet għandhom jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom b'indipendenza totali, jonqos milli jwettaq l-obbligli tiegħu taħt it-tieni subparagraphu tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 95/46/KE.

(ara l-punti 36, 37, 56 u d-dispożittiv)